ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 54/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, l-10 ta' Awwissu 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Kunsillier Refalo lmenta dwar ix-xogħol li kien qed isir fil-wied ta' Marsalforn. Qal li fl-inħawi tal-madwar hemm irwejjaħ insapportabbli. Il-Kunsillier Refalo ppropona li qabel jinbeda x-xogħol tas-seduta, il-Kunsill jinżel fuq il-post.

Gie deċiż li ssir spezzjoni tax-xogħol qabel jinbeda x-xogħol tas-seduta.

Meta l-Kunsill irritorna lura, is-Sindku rrapporta li l-kuntrattur kien infurmahom li x-xogħol ta' taħmil taħt il-mina kien ordnat lilu mill-Inġinier Bajada tal-Ministeru għal Għawdex fuq diversi rapporti li għamel il-Maġistrat Coppini.

Is-Sindku ppropona li jittieħed parir legali u għal bżonn isir Mandatt.

Meta s-Sindku għamel kuntatt telefoniku mal-Inġ. Bajada, l-Inġ. Infurmah li l-ordni hi li tinfetaħ il-mina u li għandu jintafa' r-ramel fuq il-ħama.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra b' *email* li hu għadda lill-Ministeru għal Għawdex u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali dwar ix-xogħol li kien qed isir fil-wied ta' Marsalforn.

Dwar l-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat bieb bieb, l-offerent Louis Attard li kien preżenti għall-laqgħa qal il-ħlas addizzjonali ta' €57.60 għal kull ġurnata qed jintalab għal meta ma tkunx ser issir ġabra u jkunu ser jitbattlu biss l-i*skips*. Attard intalab jagħmel kjarifika bil-miktub dwar dan.

## APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 53/10 u tal-Laqgħat tal-Ħamis u l-Ġimgħa d-29 u t-30 ta' Lulju 2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

## PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Il-Kunsill Lokali approva (Seduta Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn 01/2010):

- spettaklu ta' talent lokali ġewwa Marsalforn fl-aħħar *weekend* ta' Awwissu 2010.
- jinqalgħu mill-ħaddiema tal-IPSL ħoloq mingħajr użu fil-Menqa ta' Marsalforn.
- x-xiri ta' siġġu għall kamra tal-laqgħat.
- ssir talba lis-Supritendent tal-Pulizija biex l-għassa ta' Marsalforn tinżamm miftuħa kuljum partikularment bejn il-ħinijiet tal-4.00pm u nofs il-lejl u jkun stazzjonat ukoll surġent tal-pulizija.

## KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-kisi bit-tarmak ta' Triq tal-Konti. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-ftehim mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (ftehim b' valur ta' €1,162.29).

Komunikat mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-bini ta' ċentru ċiviku f' Marsalforn. Kien miftiehem li ngħaddu l-ittra tad-Dipartiment lill-Perit tal-Kunsill.

Talba mill-Kap ta' l-Iskola Mons. G. A. Vella biex issir *pedestrian crossing* quddiem il-bini tal-iskola u jsiru tlett *parking bays* riservati għall-kap u l-għalliema. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jgħaddi dawn it-talbiet lil Transport Malta.

Memo 95/2010 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema Inizzjattivi ta' Attivitajiet 2011. Il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti l-attivita' 'Ilwien ir-Rebbiegħa' f' seduta oħra.

Ittra ta' Galea Curmi Engineering Consultants dwar il-pjanċi bin-numri tal-lampi. Is-Sindku qal il-kuntratt tad-dawl huwa kuntratt reġjonali u għalhekk deċiżjoni mill-Kunsill tkun tista' tittieħed meta r-Reġjun ta' Għawdex jiddeċiedi dwar il-materja.

Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Spiża ta' ġemellaġġ fl-2005. Is-Sindku qal jemmen li l-ispiża tal-*partners* għandna nħallsuha lura. Qal ukoll li jekk jara l-bżonn kien ser isejjaħ laqgħa b' urġenza.

## MOZZJONIJIET

### Mozzjoni nru. 01/10

Is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

> "Fid-dawl ta' nteress kbir muri mill-Comune ta' Tavarnella-Val-di-Pesa fl-Italja li jagħmlu ftehim ta' Ġemellaġġ mall-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex, nipproponu li l-Kunsill Lokali tagħna japprova li jinbdew il-proċeduri meħtieġa biex dan il-għan ikun jista' jintlaħaq. Dan il-ġemellaġġ għandu jkun mibni fuq skambji ta' kultura, edukazzjoni u sports.
>
> Għalhekk jiena Carmelo Saliba bħala Sindku tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ nipproponi biex tingħata l-approvazzjoni biex il-Kunsill Lokali jibda l-proċess ta' Ġemellaġġ mal-Comune ta' Tavarnella-Val-di-Pesa".

Din il-mozzjoni kienet sekondata mid-Deputat Sindku Joe Bajada.

Is-Sindku qal Tavarnelle-Val-di-Pesa jinsab fil-provinċja ta' Firenze. Qal minn dan il-ġemellaġġ nistgħu nibbenifikaw iż-żewġ lokalitajiet u dan billi aħna mmorru hemm u huma jiġu hawn għat-tagħlim tal-lingwa.

Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-Kunsilliera responsabbli mill-ġemellaġġi fil-Comune di Tavarnelle-Val-di-Pesa dwar il-propost ġemellaġġ.

Il-Kunsill unanimament qabel li jibgħat jinforma lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-ġemellaġġ propost mal-Comune ta' Tavarnelle-Val-di-Pesa.

## APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Ma kienx hemm ċedola.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

| | |
|---|---|
| Qtugħ tal-ħaxix u tindif ta' Triq il-Kanun u Triq tal-Bajjad (Għaqda Dilettanti tan-Nar) | €1,130.00 |
| Toqob għal antarjoli fi Pjazza l-Assunta (Għaqda Dilettanti tan-Nar) | €693.84 |
| Nar tal-ajru – Musical 'Għeruqna' 2010 (Għaqda Dilettanti tan-Nar) | €867.30 |
| *Confetti* – Musical 'Għeruqna' (Majmuna Garden Centre) | €26.00 |
| *Juices* u żejt – Musical 'Għeruqna' (J & J Zammit Supplies Ltd) | €24.00 |
| Pitrolju – Musical 'Għeruqna' (J A Borg & Sons) | €5.00 |
| Tiswija ta' bank fi Triq il-Mitħna (Mario Vella) | €10.00 |
| Servizzi ta' librara – Lulju 2010 (Joanne Grima) | €58.30 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Lulju 2010 (Salvina Bajada) | €46.60 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €49.92 |
| Provvista ta' konkos u pajpijiet (Road Construction Co Ltd) | €689.71 |
| Korsijiet tal-kompjuter għall-adulti (ComputerTech) | €118.00 |
| Tiswija ta' kompjuter (ComputerTech) | €29.60 |
| Mattonċina u kurduna għall-bankina taħt ir-riħ ta' Triq Santa Marija – ħaddiema tal-IPSL (JCR Ltd) | €673.34 |
| *Lodging* fil-Lukanda Calypso – id-Direttur Ray Mangion16-18/07/10 Musical 'Għeruqna' (Hotel Calypso) | €158.50 |
| Minerali – Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali (Hotel Calypso) | €11.80 |
| Tabella – proġett passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn (Refalo Signs) | €283.20 |
| Tabelli, twaħħil ta' *litterbins* u rranġar tal-*banners* tal-Musical 'Għeruqna' (Refalo Signs) | €463.74 |
| Trasport f' Malta – ħarġa għal Malta 07/06/2010 (Koptaco Coaches) | €289.10 |
| *Contract Manager fee* – Lulju 2010 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Ħelu – Musical 'Għeruqna (Maria Bezzina) | €24.65 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Ġunju 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €585.75 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Ġunju 2010 (Louis Attard) | €3,985.63 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Ġunju - Lulju 2010 (Nancy Cefai) | €287.68 |
| *Contracts Manager fee* – Mejju 2010 (Fortunato Mifsud) | €49.02 |

| | |
|---|---|
| Paga tas-Segretarja Eżekuttiva – Lulju 2010 (Diane Tagliaferro) | €1,461.28 |
| Onorarja tas-Sindku – Lulju 2010 (Carmelo Saliba) | €394.03 |
| Paga tal-Ass. Uffiċjal Prinċipali – Lulju 2010 (Micheline Cutajar) | €1,157.48 |
| Ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni – Lulju 2010 (Dipartiment tat-Taxxi Interni) | €1,039.32 |
| Rimbors tal-*petty cash* – Lulju 2010 | €69.21 |

## AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill Lokali approva dawn ix-xogħlijiet:

- jinżebgħu l-bankijiet kollha ta' fuq ir-raħal.
- it-tibjid tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ.
- taraġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn (fejn sar il-passġġ tal-injam, stima ta' €320 u jagħmel ix-xogħol Mario Vella).
- issir bażi tal-konkos għal taħt il-*play centre* li nxtara għall-*playing field* taż-Żebbuġ; jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-IPSL.

Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' tnax il-metru madum għall-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar.
- li t-tindif tal-pjazza u t-toroq tal-madwar fil-ġranet tal-festa jsir bħas-sena l-oħra.
- attivita' fi Triq il-Port nhar it-13 ta' Awwissu 2010 mill-operaturi tal-istabbilimenti Ta' Pennellu, L-Aragosta, Kyra's Inn, Unwined Bar u Piu 39.
- ħarġa għal Malta t-Tlieta 7 ta' Settembru 2010.

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għall-Kuntratt tat-tindif u l-manutenzjoni ta' postijiet ta' rikreazzjoni.

## AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-7.45 ta' filgħaxija għal nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Sindku*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |